MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Numru. 1200/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**JASON BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jason Baldacchino ta' 31 sena bin George u Maria Lourdes Baldacchino xebba Cassar imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Awwissu, 1981, residenti 65, Triq il-Ghasel, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 480281(M).

Gie akkuzat talli:-

1) Nhar il-11 t'April 2010 ghall-hin ta' bejn nofsinhar u is-siegha neqsin kwart ta' wara nofs in-inhar fi Triq is-Siggiewi Haz-Zebbug, gieghel, halla jew ippermetta li l-vettura bil-mutur jew vettura ohra tieghu u cjoe' trakk bin-numru ta' registrazzjoni numru DAJ 696, tinsaq minn persuna li ma kellhiex il-licenza mehtiega u cjoe' lil huh Rosman Baldacchino biex isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra u cjoe' l-istess vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696.

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi gieghel jew halla persuna ohra u cjoe' lil huh Rosman Baldacchino juza vettura bil-mutur fit-toroq u cjoe' trakk bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 696 kemm -il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna, skont il-kaz ma' kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

3) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien rigward l-istess cirkustanzi halef il-falz quddiem l-espert tal-Qorti.
Il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba meta tikkundanna lill-hati tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok TC3 u nnutat li l-imputat Jason Baldacchino m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikolu 108(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jason Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Jason Baldacchino ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Jason Baldacchino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Jason Baldacchino milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 109(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda timponi fuq l-imputat Jason Baldacchino interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imsemmi Jason Baldacchino jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati ta’ gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Jason Baldacchino sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tlett elef, hames mija u tlieta u sebghin Ewro u sebghin centezmi ta’ Ewro (Ewro3573.70) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab inserit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jason Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------